



Brussell, 28 ta' Ġunju 2021
(OR. en)

10235/21

VETER 53

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 10070/1/21 REV 1	
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-trattament xieraq tal-annimali matul it-trasport bil-baħar fuq distanzi twal lejn pajjiżi terzi

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-trattament xieraq tal-annimali matul it-trasport bil-baħar fuq distanzi twal lejn pajjiżi terzi, approvati mill-Kunsill (“Agrikoltura u Sajd”) fil-laqgħa tiegħu li saret fit-28 u d-29 ta' Ġunju 2021.

**KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL DWAR IT-TRATTAMENT XIERAQ TAL-
ANNIMALI
MATUL IT-TRASPORT BIL-BAĦAR FUQ DISTANZI TWAL LEJN PAJJIŻI TERZI**

BILLI

1. It-trattament xieraq tal-annimali huwa kwistjoni ta' importanza kbira għaċ-ċittadini Ewropej u huwa rikonoxxut mid-dritt tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikolu 13 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (UE).
2. It-trattament xieraq tal-annimali waqt it-trasport huwa prijorità fil-livell tal-UE u jeħtieġ li jiġi żgurat ukoll matul it-trasport internazzjonali lejn pajjiżi terzi.
3. Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-UE dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali, adottati fl-2019¹, irrikonoxxew kemm il-ħtieġa li fil-ftehimiet ta' kummerċ ħieles jiġi inkluż it-trattament xieraq tal-annimali, sabiex jiġi promoss globalment, kif ukoll il-kompetizzjoni li l-bdiewa tal-UE qed jiffaċċjaw fil-kummerċ globali.
4. Il-punti ta' kuntatt nazzjonali dwar it-trasport tal-annimali ġew stabbiliti skont l-Artikolu 24 tar-Regolament (KE) Nru 1/2005. L-għan tagħhom huwa li jippromwovu l-assistenza reċiproka, jikkondividu l-aħjar prattiki, jippromwovu l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri u jiddiskutu l-implimentazzjoni u l-infurzar tal-leġiżlazzjoni dwar it-trattament xieraq tal-annimali waqt it-trasport. Ġew żviluppati dokumenti ta' gwida li jirriflettu l-esperjenza u l-aħjar prattiki tal-Istati Membri dwar il-kontrolli uffiċjali tat-trattament xieraq tal-annimali waqt l-esportazzjoni fuq bastimenti tal-bhejjem.
5. Il-Pjattaforma tal-UE dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali, stabbilita fl-2017 mill-Kummissjoni Ewropea, irnexxielha tippromwovi d-djalogu dwar it-trattament xieraq tal-annimali fost l-awtoritajiet kompetenti, l-industrija, is-soċjetà ċivili u x-xjenzjati. Dan id-djalogu, imbagħad, iffaċilita l-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki u esperjenzi oħra. It-trattament xieraq tal-annimali waqt it-trasport huwa wieħed mill-prijoritajiet ta' din il-pjattaforma. Fl-2018, ġie stabbilit sottogrupp speċifiku ta' dik il-pjattaforma sabiex jipprovdi informazzjoni

¹ <https://data.consilium.europa.eu/doc/document/ST-14975-2019-INIT/mt/pdf>

teknika rilevanti, rakkomandazzjonijiet u l-aħjar prattiki fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1/2005.

6. Ir-rapport ġenerali tal-Kummissjoni dwar it-trattament xieraq tal-annimali esportati bil-baħar², enfażizza l-aspetti qawwija u dgħajfa ewlenin tas-sistemi tal-Istati Membri biex jipproteġu t-trattament xieraq tal-annimali tal-irziezet matul it-trasport mill-Unjoni Ewropea lejn pajjiżi terzi. Ir-rapport identifika punti oħra ta' titjib bħall-ħtieġa li jiżdiedu r-riżorsi xierqa u l-appoġġ għall-kontrolli uffiċjali fil-punti ta' ħruġ. Identifika wkoll il-ħtieġa għal uffiċjali kwalifikati u b'esperjenza biex jaċċessaw sistemi tekniċi abbord, l-ippjanar u l-approvazzjoni tal-vjaġġi, l-ippjanar ta' kontinġenza għall-operazzjonijiet, ir-rwol u l-obbligi tal-organizzaturi u tat-trasportaturi bil-baħar kif ukoll il-ħtieġa li l-pajjiżi terzi, it-trasportaturi jew il-kaptani tal-bastimenti jinfurmaw lura dwar il-kundizzjoni tal-annimali matul vjaġġ bil-baħar u mal-wasla.
7. L-iżvilupp ta' għodod li jappoġġaw l-ispezzjonijiet tal-Istati Membri tal-bastimenti tal-bhejjem jeħtieġ kooperazzjoni multisettorjali bejn l-awtoritajiet kompetenti u l-aġenziji rilevanti tal-UE, b'mod partikolari l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima³. L-għan huwa li jittejjbu u jiġu armonizzati l-proċeduri ta' spezzjoni, tiżdied it-trasparenza tal-eżitu tal-ispezzjonijiet u jittejjbu l-istandards tal-bastimenti u l-komunikazzjoni ma' pajjiżi terzi sabiex jinkiseb feedback sistematiku għall-kunsinni tal-bhejjem mibgħuta mill-Unjoni.
8. Minkejja l-progress li sar fir-rigward tal-infurzar tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005, għad hemm oqsma fejn huma meħtieġa aktar sforzi biex id-dispożizzjonijiet attwali tar-Regolament jiġu implimentati u infurzati u biex ir-Regolament jittejjeb.
9. Fil-konklużjonijiet tiegħu dwar l-Istrateġija mill-Għalqa sal-Platt⁴, il-Kunsill appella lill-Kummissjoni biex tirrieżamina u taġġorna r-Regolament (KE) Nru 1/2005, fid-dawl tal-aħħar għarfien xjentifiku, sabiex il-leġislazzjoni tkun tista' ssir aktar komprensiva u aktar faċli biex tiġi implimentata, li fl-aħħar mill-aħħar jenħtieġ li jiżgura livell oġhla ta' trattament xieraq tal-annimali. Il-Kunsill appella wkoll lill-Kummissjoni biex twettaq dan ir-rieżami malajr kemm jista' jkun sabiex tirrevedi l-leġislazzjoni, b'mod partikolari dwar it-trasport, mill-aktar fis possibbli. Fl-2020 tnieda proċess ta' kontroll tal-idoneità.

² DG (Sante) 2019-6835

³ <http://www.emsa.europa.eu/>

⁴ 12099/20

10. Ir-Regolament (KE) Nru 1/2005 diġà jistabbilixxi qafas legali għat-trasport fuq vjaġġi twal minn bastimenti tal-bhejjem. Madankollu, ir-regolament ma jipprevedix ċerti rekwiżiti kruċjali meħtieġa fid-dawl tal-aktar għarfien xjentifiku espert aġġornat u l-esperjenza miksuba f'oqsma bħat-taħriġ u l-kompetenza tal-persunal li jimmaniġġja l-annimali haġġin waqt it-trasport fuq vjaġġi twal; l-ippjanar tal-vjaġġ; ir-rwol u r-responsabbiltajiet tal-organizzatur u tat-trasportatur; l-awtorizzazzjoni tat-trasportaturi u ċ-ċertifikazzjoni tal-bastimenti; id-dokumentazzjoni tal-vjaġġ; l-ippjanar ta' kontinġenza; ir-rekwiżiti tekniċi ġenerali; u l-kontrolli uffiċjali speċifiċi.
11. Is-sistemi ta' kontroll uffiċjali tal-Istati Membri huma kruċjali sabiex tiġi żgurata l-konformità mal-istandards tat-trattament xieraq tal-annimali u t-trattament ħanin tal-annimali, u biex jiġi ggarantit li jittieħdu miżuri adegwati biex jiġu evitati l-uġiġħ u t-tbatija bla bżonn tal-annimali. Għalhekk jeħtieġ li jiġi żgurat li l-awtoritajiet kompetenti jkollhom ir-riżorsi, inkluż l-għodod teknoloġiċi u l-għarfien espert xierqa biex iwettqu kontrolli uffiċjali u biex jivvalutaw il-kundizzjonijiet speċifiċi matul l-attivitajiet rilevanti fl-istadji kollha marbutin mal-bastimenti għat-trasport tal-bhejjem.

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA:

12. **JAGĦRAF** li r-Regolament (KE) Nru 1/2005 jistabbilixxi rekwiżiti addizzjonali dwar it-trattament xieraq tal-annimali waqt it-trasport bil-baħar, li jirriżultaw f'titjib tal-kundizzjonijiet li fihom l-annimali għandhom jiġu ttrasportati.
13. **JIRRIKONOXXI** li kien hemm progress fir-rigward tal-infurzar tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005 dwar il-protezzjoni tal-annimali waqt it-trasport u operazzjonijiet relatati u **JAPPOĠĠA** aktar azzjonijiet li għandhom jittieħdu f'dan ir-rigward f'medda qasira ta' żmien fil-livell tal-Istati Membri.
14. **JENFASIZZA** l-ħtieġa li tingħata prijorità lil azzjonijiet tal-Istati Membri f'medda qasira ta' żmien fl-oqsma li ġejjin: ippjanar tal-vjaġġ, sikurezza marittima u konformità mar-rekwiżiti tekniċi tal-bastimenti, kontrolli tal-bastimenti u tal-annimali qabel it-tagħbija, kif ukoll komunikazzjoni ta' nuqqasijiet ta' konformità bejn l-Istati Membri.

15. **IQIS** li minkejja l-progress li sar fir-rigward tal-infurzar tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005, hemm il-ħtieġa li din il-leġislazzjoni tkompli tittejjeb, u l-ħtieġa li jiġu ggarantiti l-kundizzjonijiet xierqa tat-trattament xieraq tal-annimali waqt it-trasport tal-annimali ħajjin fuq distanzi twal.
16. **IFAKKAR** li kwalunkwe emenda għal leġislazzjoni eżistenti jew ġdida jenħtieġ li tkun imsejsa fuq l-aħħar għarfien tekniku u xjentifiku, u tkun tinkludi dispożizzjoni għal indikaturi bbażati fuq l-annimali hekk kif jiġu żviluppatti u vvalidati, l-esperjenza miksuba mill-Istati Membri, ir-riżultati tal-proċess li għaddej tal-kontroll tal-idoneità u l-valutazzjoni tal-impatt soċjoekonomiku korrispondenti, id-disponibbiltà tal-għodod teknoloġiċi biex jappoġġaw il-kontrolli uffieċjali, kif ukoll id-diversità tas-sitwazzjonijiet ġeografiċi u s-sistemi ta' produzzjoni ġewwa l-Unjoni.
17. **JISTIEDEN** lill-Kummissjoni biex tippreżenta proposta għal regolament rivedut dwar it-trattament xieraq tal-annimali waqt it-trasport, jekk possibbli, qabel dak indikat fl-Istrateġija mill-Għalqa sal-Platt ("Q4 2023").
18. **JENFASIZZA** li t-trattament xieraq tal-annimali waqt it-trasport huwa prijorità fil-livell tal-UE u jenħtieġ li jiġi żgurat fil-livelli u fl-istadji kollha tal-vjaġġ matul it-trasport internazzjonali ta' annimali ħajjin fuq distanzi twal inkluż lejn pajjiżi terzi, filwaqt li kemm jista' jkun jiġi ppreferut it-trasport ta' materjal ġenetiku u laħam.
19. **JISĦAQ FUQ IL-ĦTIEĠA** li jiġi stabbilit proċess ta' awtorizzazzjoni għall-organizzaturi u li tkun mitluba l-eżistenza ta' organizzatur wieħed għal kull vjaġġ bil-bastimenti tal-bhejjem li jikkomunika mal-Awtoritajiet Kompetenti kollha involuti.
20. **JISTIEDEN** lill-Kummissjoni biex tenfasizza r-rwol importanti tat-trasportaturi bil-baħar, speċjalment l-obbligu tal-komunikazzjoni tal-informazzjoni qabel il-vjaġġ, u l-azzjonijiet adottati kull meta tiġri xi ħaġa waqt il-vjaġġ li tista' tikkomprometti s-saħħa u t-trattament xieraq tal-annimali.

21. **JENFASIZZA** l-ħtieġa li jittejjeb u jiġi standardizzat il-proċess għall-awtorizzazzjoni tat-trasportaturi bil-baħar u għaċ-ċertifikazzjoni tal-bastimenti, jiġifieri d-dokumentazzjoni mitluba; ir-rekwiżiti tekniċi tal-bastiment; il-kwalifiki u l-esperjenza meħtieġa mill-awtoritajiet kompetenti meħtieġa għal proċess ta' approvazzjoni ta' bastiment; id-definizzjoni tal-istati tal-bandiera u tas-soċjetajiet ta' klassifikazzjoni aċċettati; il-kriterji speċifiċi għas-sospensjoni/l-irtirar tal-awtorizzazzjoni; it-tul tal-validità taċ-ċertifikazzjoni; id-definizzjoni tar-rwol u r-responsabbiltajiet tar-rappreżentant tal-UE ta' trasportatur minn pajjiż terz.
22. **JISĦAQ FUQ IL-ĦTIEĠA** li jitjiebu t-taħriġ u l-kompetenza tal-persunal li jimmaniġġja l-annimali ħajjin waqt it-tagħbija, il-ħatt u t-trasport bil-baħar, permezz tal-istabbiliment ta' korsijiet ta' taħriġ rikonoxxuti mill-UE dwar it-trattament xieraq waqt it-trasport bil-baħar u tad-definizzjoni u evidenza suffiċjenti ta' perijodu minimu ta' taħriġ u esperjenza tal-persunal fir-rigward tal-manijġjar u t-trasport tal-annimali.
23. **JIRRAKKOMANDA** l-preżenza, matul il-vjaġġ tal-bastimenti tal-bhejjem, ta' veterinarju sabiex jivverifika l-implimentazzjoni tal-istandards rilevanti tas-saħħa u t-trattament xieraq tal-annimali.
24. **JENFASIZZA** l-importanza tal-pjan tal-vjaġġ, f'kooperazzjoni mal-punti fokali tal-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Annimali (OIE) fil-pajjiżi terzi ta' destinazzjoni, u l-ħtieġa li jiġu stabbiliti proċeduri armonizzati biex jiġi validat; it-titjib ulterjuri tal-komunikazzjoni u l-kollaborazzjoni bejn l-Istati Membri u l-organizzaturi qabel il-validazzjoni tal-pjanijiet tal-vjaġġ u għall-bidu tal-operazzjonijiet; l-armonizzazzjoni tal-pjan tal-vjaġġ adattat għall-vjaġġ bil-baħar sal-ħatt f'pajjiż terz.
25. **IĦEĠĠEĠ** lill-OIE biex issaħħaħ ir-rwol tagħha fil-faċilitazzjoni tal-komunikazzjoni u l-kollaborazzjoni bejn il-pajjiż ta' destinazzjoni u l-pajjiż ta' orijini f'każ ta' xi kwistjoni li tikkawża riskji għas-saħħa u t-trattament xieraq tal-annimali waqt it-trasport ta' annimali ħajjin.

26. **IĦEĠĠEĠ** lill-Kummissjoni tikkunsidra l-ħtieġa li jittejbu r-rekwiżiti legali dwar kundizzjonijiet tekniċi speċifiċi relatati mal-bastimenti bħall-ventilazzjoni, il-kontroll tat-temperatura u r-rekwiżiti tal-kostruzzjoni, il-manutenzjoni u d-drenaġġ tal-imqawel.
27. **JISĦAQ FUQ IL-ĦTIEĠA** li jintużaw is-setgħat disponibbli mogħtija bir-Regolament (UE) 2017/625 u bir-Regolament (KE) 1/2005, sakemm titlesta r-reviżjoni futura tiegħu, biex jitqiesu l-gwida xjentifika u teknika rilevanti (pereżempju l-eżiti tal-awditi mill-Kummissjoni Ewropea), kif ukoll l-eżiti tad-diskussjonijiet tal-Istati Membri dwar id-dokument tan-network tal-punti ta' kuntatt dwar il-bastimenti tal-bhejjem, kif ukoll il-possibbiltà li jiġu introdotti teknoloġiji ġodda li jtejbu u jippromwovu l-kontrolli uffiċjali tal-bastimenti tal-bhejjem.
28. **JENFASIZZA** l-importanza tal-armonizzazzjoni tal-informazzjoni li l-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jirċievu rigward il-partijiet differenti tal-vjaġġ, tal-istabbiliment ta' rekwiżiti minimi dwar kif għandhom jiġu ttrattati l-annimali u dwar dak li jkollhom bżonn fil-punti tal-ħruġ u tat-tħejjija ta' mudell ta' rapport li għandu jimtela mill-awtorità kompetenti fid-destinazzjoni.
29. **JISTIEDEN** lill-Kummissjoni biex tesplora jekk dawn il-konklużjonijiet dwar it-trasport bil-baħar jistgħux jiġu applikati għal modi oħra ta' trasport.
-